Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**  
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AWTORITÀ EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jieħu nota bi tħassib tas-sejba tal-Qorti relatata mal-proċess tal-għażla bil-mod għal karigi maniġerjali fl-Awtorità, li wassal sabiex xi pożizzjonijiet imtlew minn maniġers temporanji għal aktar minn sena, saħansitra f'każ minnhom sa dişa' snin. Filwaqt li jieħu nota tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-riżultati tanġibbli tal-Proġett tad-Disinn tal-Istrateġija u d-Disinn Organizzazzjonali tal-Awtorità, kif osservat mill-Qorti, il-Kunsill iħeġġiġha biex tħaffef it-tnedija tal-proġett tagħha ta' disinn organizzazzjonali sabiex tintemm din is-sitwazzjoni ta' prekarjetà fil-livell maniġerjali fl-iqsar żmien possibbli.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Amministrattiv  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(11) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Eurojust", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Eurojust għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI**  
**FIL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI (EUROJUST)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Eurojust jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi ta' flus kontanti tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Eurojust, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jiddispaċih dwar id-dgħufijiet osservati mill-Qorti fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku awditjati tal-Eurojust, relatati ma' kuntratti qafas, u fil-proċeduri ta' kontroll intern tagħha. Il-Kunsill għalhekk iħeġġeġ lill-Eurojust biex tiżgura t-tnejn ta' dokumentazzjoni *ex ante* aktar robusta, inkluż ir-raġunament dokumentat għall-għażla ta' proċedura ta' akkwist partikolari u/jew tip partikolari ta' kuntratt qafas, kif ukoll biex tfittex aktar ċarezza fil-mument tat-talba għal offerta sabiex tiggarrantixxi konsistenza bejn il-kuntratt speċifiku u t-termini attwali tal-ftehimiet.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 526/2013<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAĊ-ĊIBERSIGURTA'**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, il-Kunsill jiddispaċih li kien hemm raġunijiet biex il-Qorti toħroġ opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, minħabba l-użu minn membru tal-persunal ta' delega temporanja skaduta għall-awtorizzazzjoni ta' ammont sostanzjali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament.

Il-Kunsill jiddispaċih dwar id-dgħufijiet addizzjonali simili fil-kontroll intern identifikati mill-Qorti. Huwa jistieden lill-Aġenzija biex trawwem titjib fid-deċizzjonijiet interni u l-miżuri ta' mitigazzjoni, li diġà ġew introdotti, biex jiġu evitati riskji simili fil-futur.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**  
**ta'**  
**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**  
**taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**  
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**  
**taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**  
**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ iċ-"Ċentru", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjati mit-tweġibiet taċ-Ċentru għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 65(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjati mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013, u (UE) 2016/1624<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 116(11) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA EWROPEA GħALL-GWARDJA TAL-FRONTIERA U**  
**TAL-KOSTA (FRONTEX)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-isforzi tal-Aġenzija biex tkompli ttejjeb il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet/attivitajiet ta' ritorn, il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-osservazzjoni tal-Qorti li f'każ wieħed l-Aġenzija għamlet impenn baġitarju *ex post*, u b'hekk marret kontra l-prinċipju tal-annwalità, u jappella lill-Aġenzija biex tikkonforma b'mod rigoruż mar-regoli baġitarji.

Il-Kunsill jinsab imħasseb ħafna dwar il-każijiet irrappurtati ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali u għalhekk jilqa' l-impenn tal-Aġenzija li tikkoopera mill-qrib mal-Parlament Ewropew, mal-Ombudsman Ewropew u mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi dwar kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali. Barra minn hekk, filwaqt li jieħu nota tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, kif osservat mill-Qorti, il-Kunsill jaqbel mal-fehma tal-Qorti li d-dewmien fir-reklutaġġ ta' 40 osservatur tad-drittijiet fundamentali johlq riskju serju għall-operazzjonijiet u r-reputazzjoni tal-Aġenzija, u jhegġegħ lill-Aġenzija tlesti l-proċeduri ta' reklutaġġ fl-iqsar żmien possibbli.

Il-Kunsill jiddispjaċih li l-Aġenzija kienet esposta għal riskju ta' ħsara għar-reputazzjoni, marbut ma' dgħufijiet fil-ġestjoni tal-gradji ta' membri ġodda tal-persunal, u jhegġegħ lill-Aġenzija biex tikkonforma mal-pjan ta' stabbiliment wara l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid tal-Aġenzija<sup>1</sup>, kif ukoll biex iżżid it-trasparenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1).

Fl-aħħar nett, filwaqt li jieħu nota tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-limitazzjonijiet tekniċi tas-sistema l-ġdida ta' appoġġ għall-iskjerament, kif osservat mill-Aġenzija, il-Kunsill jappella lill-Aġenzija biex tieħu l-miżuri xierqa kollha biex ittejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha, inkluż l-implimentazzjoni tal-baġit u l-preżentazzjoni u t-trasparenza tal-kontijiet. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tipprovdi gwida orizzontali lill-korpi tal-UE dwar kif jikkalkulaw il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE b'mod konsistenti.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GħAT-TAĦRIĠ ĦL-**  
**INFURZAR TAL-LIĠI (CEPOL)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill, filwaqt li jieħu nota tat-tweġibiet tal-Aġenzija, jiddispijaċih li f'każ wieħed l-Aġenzija ma ħarsitx b'mod effettiv l-interessi finanzjarji tal-UE u li hemm dgħufijiet fl-ambjent ta' kontroll intern tal-Aġenzija b'rabta mal-ġestjoni tal-impenji baġitarji. Għalhekk, il-Kunsill ihegġegħ lill-Aġenzija biex tiżgura ppjanar aħjar ta' avvenimenti ta' taħriġ billi tantiċipa s-sitwazzjoni tas-saħħa li qed tevolvi, kif ukoll biex ittejjeb it-trasparenza tal-monitoraġġ tal-kuntratti fis-sistema ta' ġestjoni finanzjarja sabiex jiġu evitati żbalji amministrattivi.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 86 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (kodifikat)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 45(11) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 97(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL  
ta'  
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur  
tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Istitut", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjata mit-tweġibiet tal-Istitut għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**  
**IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-ISTITUT EWROPEW GħALL-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Istitut jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu, il-flussi ta' flus kontanti tiegħu u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Istitut, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar il-kwistjoni sistematika identifikata mill-Qorti fejn il-krediti riċevuti ma ġewx inklużi kif suppost fil-baġit tal-Istitut, u jappella lill-Istitut biex itejjeb ir-rekord tal-awditjar u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-baġit, filwaqt li jiżgura konformità sħiħa mar-regoli applikabbli.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**  
**ta'**  
**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**  
**tal-Aġenzija tal-Unjoni għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi**  
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**  
**tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi**  
**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 60(10) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Europol", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Europol għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Europol għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċertu kumment mill-Kunsill, li huwa anness għal din ir-Rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dan il-kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Europol hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMMENT LI JAKKUMPANJA**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-KOOPERAZZJONI**  
**FL-INFURZAR TAL-LIĠI (EUROPOL)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Europol jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Europol, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Madankollu, jeħtieġ li ssir osservazzjoni waħda.

Il-Kunsill, filwaqt li jieħu nota tal-monitoraġġ bir-reqqa mill-Europol tal-ammonti ta' pagament u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni, jiddispaċih dwar il-kwistjoni osservata mill-Qorti fir-rigward tal-problema pendenti u rikorrenti marbuta ma' livelli għoljin ta' pagamenti tard, li tesponi lill-Europol għal riskju għar-reputazzjoni, u jappella lill-Europol biex tkompli tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura ġestjoni baġitarja u finanzjarja tajba.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**  
**ta'**  
**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**  
**tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**  
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**  
**tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija**  
**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (riformulazzjoni)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 35(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAR-REGOLATURI TAL-**  
**ENERĠIJA**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-pagamenti sottostanti għall-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha, il-Kunsill jiddispjaċih li kien hemm raġunijiet suffiċjenti biex il-Qorti tagħti opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, minħabba irregolaritajiet marbutin ma' kuntratt qafas għal servizzi tal-IT, minħabba n-nuqqas ta' proċedura ta' akkwist kompetittiva biex fl-2020 isiru ammont sostanzjali ta' pagamenti.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar id-dgħufijiet fil-kontroll intern, minħabba n-nuqqas ta' regoli interni biex tiġi indirizzata l-kontinwità tad-delegi ta' setgħat ta' awtorizzazzjoni, identifikati mill-Qorti. Huwa jistieden lill-Aġenzija biex trawwem titjib fid-deċiżjonijiet interni u l-miżuri ta' mitigazzjoni li diġà ġew introdotti, biex jiġu evitati riskji simili fil-futur.

Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija li nuqqas fir-riżorsi baġitarji kien ġie kopert biss permezz ta' baġit emendatorju f'Diċembru u li kien meħtieġ livell għoli ta' riporti biex jiġu koperti l-obbligi miftuħa identifikati fi tmiem is-sena, b'mod partikolari t-tariffi legali u tat-traduzzjoni, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli ttejjeb l-ippjanar tal-baġit tagħha u timmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha sabiex tnaqqas kemm jista' jkun il-livell ta' impenji li jiġu riportati, f'konformità mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità.

Il-Kunsill jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar xi dgħufijiet li ġew identifikati fil-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Aġenzija. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon il-miżuri li diġà ttejdu mill-Aġenzija biex jitranġaw l-iżbalji b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' kontrolli preliminari tal-eliġibbiltà, evalwazzjoni minn kumitat ta' selezzjoni, kontrolli doppji mir-Riżorsi Umani, u trasparenza tal-metodoloġija tal-ġoti ta' punteġġ. Huwa jħeġġeġ lill-Aġenzija biex tiggarrantixxi implimentazzjoni xierqa ta' dawk il-miżuri bl-għan li jiġi żgurat proċess ta' reklutaġġ ġust u trasparenti.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**  
**ta'**  
**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**  
**tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet**  
**Elettroniċi**  
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**  
**tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet**  
**Elettroniċi**  
**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1971 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li jstabbilixxi l-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) u l-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju tal-BEREC)<sup>1</sup>, li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2120 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1211/2009, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 321, 17.12.2018, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (Uffiċċju tal-BEREC), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Uffiċċju", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Uffiċċju għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Uffiċċju fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Awtorità Bankarja Ewropea**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Awtorità Bankarja Ewropea**

**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 64(9) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Awtorità Bankarja Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AWTORITÀ BANKARJA EWROPEA**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku tal-Awtorità. L-ewwel nett, l-Awtorità kkonkludiet ftehim bankarju għal perijodu ta' żmien qasir ma' bank iżda sstottovalutat il-valur tal-kuntratt minħabba li nediet proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ma' kuntrattur potenzjali wieħed biss. Fl-istess każ, l-Awtorità la stabbiliet kriterji biex tintgħażel l-aħjar offerta u lanqas ma wettqet evalwazzjoni xierqa tal-offerti l-oħra meta kienet meħtieġa biex jinstabu kuntratturi oħra. It-tieni nett, l-Awtorità nediet proċedura ta' akkwist għal servizzi legali bl-użu ta' proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt u mingħajr ma pprovdiet rekord tal-awditjar adegwat. It-tielet proċedura ta' akkwist ukoll tqieset bħala irregolari minħabba li l-kunfidenzjalità u d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess ġew applikati biss fl-aħħar stadju. Filwaqt li jieħu nota tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, kif osservat mill-Awtorità, u l-miżuri li diġà ttieħdu, il-Kunsill jappella lill-Awtorità biex tiżgura li l-proċeduri ta' akkwist tagħha, speċjalment l-applikazzjoni tal-proċedura nnegożjata, ikunu dejjem f'konformità sħiħa mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kunsill jappoġġa l-konklużjonijiet tal-Qorti dwar il-ħtieġa li l-Awtorità taġġorna l-pjan għall-kontinwità tal-operat tagħha u jħeġġeġ lill-Awtorità tindirizza din id-dgħufija fil-proċeduri ta' kontroll intern tagħha.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 64(9) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AWTORITÀ EWROPEA TAT-TITOLI U S-SWIEQ**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-konklużjoni tal-Qorti dwar ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni tar-regolament dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu (CRA) mis-CRA, li jistgħu jużaw l-opportunità li jnaqqsu jew jevitaw it-tariffi billi jittrasferixxu d-dħul tagħhom fil-ġurisdizzjoni tal-UE lill-entitajiet relatati tagħhom barra mill-UE. Huwa jilqa' l-isforzi tal-Awtorità biex tivvaluta u timmonitorja din il-kwistjoni, kif ukoll il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tal-parir tekniku tagħha dwar ir-reviżjoni tar-Regolament fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità lis-CRA.

Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi li l-Awtorità diġà għamlet fil-passat biex tipprovdi l-akbar assigurazzjoni possibbli fil-qafas regolatorju attwali dwar it-tariffi imposti fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet. Il-Kunsill jilqa' l-preżentazzjoni mill-Awtorità lill-Kummissjoni tal-parir tekniku tagħha dwar l-emenda tal-leġislazzjoni dwar il-ġestjoni tat-tariffi imposti fuq ir-Repożitorji tat-Tranżazzjonijiet fit-tieni nofs tal-2021 u jistieden lill-Kummissjoni biex taħdem fuq ir-reviżjoni tal-qafas leġislattiv.

Filwaqt li jirrikonoxxi t-tweġibiet tal-Awtorità, il-Kunsill jidispjaċih dwar id-dgħufijiet fil-kontroll intern identifikati mill-Qorti. L-ewwel nett, l-Awtorità kkonkludiet kuntratt qafas bl-użu tal-mudell tal-Kuntratt Qafas tal-kuntrattur minflok il-mudell tipiku tal-Awtorità, u dan naqqas it-trasparenza tal-ftehim. It-tieni nett, l-Awtorità ma applikatx b'mod korrett ir-rata tal-imgħax fuq il-pagamenti tard li saru minn għadd ta' CRA u repożitorji tat-tranżazzjonijiet b'rabta mal-kontribuzzjonijiet tagħhom tal-2020 u ma rrispettatx bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. It-tielet nett, l-Awtorità ma setgħetx tikkonferma l-pagamenti li saru lil kuntrattur taħt kuntratt qafas għal servizzi ta' konsulenza tal-IT peress li ma mmonitorjatx kif suppost il-ħin iddebitat.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 64(9) tagħha,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Awtorità", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Awtorità għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AWTORITÀ EWROPEA TAL-ASSIGURAZZJONI U L-**  
**PENSJONIJIET TAX-XOGĦOL**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Awtorità jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Awtorità, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-prossimità tal-attivitajiet u l-kuntatti bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, il-Kunsill jappoġġa l-konklużjoni tal-Qorti li għandu jkun hemm xi sistema ta' kontroll fis-seħħ biex tiżgura l-korrettezza tal-pagamenti relatati mal-ftehimiet li jikkonċernaw l-esperti nazzjonali sekondati.

Il-Kunsill jieħu nota kemm tal-osservazzjonijiet tal-Qorti relatati man-nuqqas ta' applikazzjoni tal-imgħax previst mir-Regolament Finanzjarju għal pagamenti li jiġu riċevuti tard minn għadd ta' awtoritajiet nazzjonali kompetenti kif ukoll tat-tweġiba tal-Awtorità marbuta mal-kondizzjonijiet speċjali fl-2020. L-Awtorità hija mħeġġa timmonitorja l-pagamenti pendenti u tkompli l-operazzjonijiet ta' rkupru.

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-azzjoni rapida li ttieħdet mill-Awtorità wara l-osservazzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-kuntratt għal korsijiet ta' taħriġ u l-kuntratt il-ġdid għall-għoti ta' taħriġ online. L-Awtorità hija mħeġġa tirreaġixxi malajr għall-kondizzjonijiet li qed jinbidlu u tadatta l-kuntratti tagħha skont dawn.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil  
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit  
tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil  
għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 55(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 468, 30.12.2021, p. . 1.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMENTI LI JAKKUMPANJAW**  
**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA**  
**TINGĦATA LILL-AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GħALL-AŻIL**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti dwar "kwistjoni oħra" li skontha l-proċeduri ġudizzjarji li għaddejjin bħalissa kontra l-Aġenzija għandhom effett fuq xi aspetti tal-opinjoni tal-Qorti.

Il-Kunsill, filwaqt li jieħu nota tal-azzjonijiet korrettivi li għaddejjin bħalissa u li ġew implimentati diġà, jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, b'mod partikolari dwar pagamenti magħmula b'rabta ma' proċeduri ta' akkwist li ġew iddikjarati irregolari mill-Qorti fis-snin preċedenti (jiġifieri akkwist għal bini mikri, għal ħaddiema interim fl-Italja u għal esperti esterni).

Il-Kunsill, filwaqt li jieħu nota tal-iżvilupp ta' pjan ta' reklutaġġ komprensiv u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, jiddispijaċih dwar il-kwistjonijiet li ġew identifikati mill-Qorti rigward il-politika tal-persunal tal-Aġenzija, b'mod partikolari l-għadd kbir ta' pożizzjonijiet maniġerjali vakanti u t-tul tal-ħatriet maniġerjali temporanji, li jħallu impatt fuq il-kapaċità tal-Aġenzija li tilħaq l-objettivi tagħha.

Rigward il-ġestjoni baġitarja, filwaqt li jinnota l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, kif osservat mill-Aġenzija, il-Kunsill jesprimi wkoll it-tħassib tiegħu li l-implimentazzjoni tal-baġit kienet aktar baxxa milli ppjanat, u jappella lill-Aġenzija biex tkompli ttejjeb l-iprogrammar finanzjarju u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħha, sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-annwalità.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill jilqa' l-isforzi sinifikanti li saru mill-Aġenzija mill-2018 'il quddiem biex itejjeb is-sistemi ta' kontroll intern u l-proċessi ta' governanza tagħha, u biex timplimenta azzjonijiet korrettivi b'rispons għall-osservazzjonijiet tal-Qorti.

---

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta'**

**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv**

**tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta'**

**libertà, sigurtà u ġustizzja**

**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**

**tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta'**

**libertà, sigurtà u ġustizzja**

**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenzija", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.

**KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW**

**IR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA TINGĦATA LILL-AĠENZIJA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TA' SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZJU TAL-LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA (eu-LISA)**

Il-Kunsill jilqa' l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus kontanti tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2020 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Madankollu, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill, filwaqt li jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija u l-azzjoni li diġà tteħdet, jiddispijaċih li kien hemm raġunijiet biex il-Qorti toħroġ opinjoni kwalifikata dwar żewġ proċeduri ta' akkwist irregolari, inkluż is-sejbiet ta' diversi pagamenti taħt kuntratt qafas li ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali, u jappella lill-Aġenzija biex tieħu azzjonijiet xierqa biex jiġu evitati każijiet bħal dawn fil-futur.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill jesprimi t-tħassib tiegħu li l-implimentazzjoni tal-baġit reġgħet kienet aktar baxxa milli ppjanat, u jappella lill-Aġenzija biex tkompli ttejjeb, flimkien mal-Kummissjoni, l-iprogrammar finanzjarju u l-monitoraġġ tagħha tal-implimentazzjoni tal-baġit, b'mod partikolari permezz ta' allinjament aħjar tal-ippjanar baġitarju mat-twaqqit tal-atti legali relatati, sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u annwalità.

**RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL**  
**ta'**  
**dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur**  
**tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**  
**fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit**  
**tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija**  
**għas-sena finanzjarja 2020**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2021/819 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jstabilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (riformulazzjoni)<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċizzjoni Nru 541/2014/UE, u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 70(4) tiegħu,

---

<sup>1</sup> ĠU L 189, 28.5.2021, p. 61.

<sup>2</sup> ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2020 u l-karta tal-bilanċ kif kienet fil-31 ta' Diċembru 2020 tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-"Istitut", kif ukoll ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2020, akkumpanjata mit-tweġibiet tal-Istitut għall-osservazzjonijiet tal-Qorti<sup>1</sup>,

Billi l-Kunsill jilqa' l-fatt li l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2020 ma jeħtieġu l-ebda kumment,

Billi, wara l-eżami msemmi hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut hija tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Istitut fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2020.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> ĠU C 439, 29.10.2021, p. 3.